Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,750, 18 ta' Lulju, 1980
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XXI ta' l-1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

ACT No. XXI of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Income Tax Act, 1948.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

J. J. CREMONA
Aġent President

18 ta' Lulju, 1980

ATT Nru. XXI ta' l-1980

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-'Income'.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Att għandhom jibdew iseħħu kif ġej:

(a) id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 2, 5, 13, 14 u 15 għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-ewwel ta' Jannar, 1980, dwar is-sena ta' stima li tibda f'dik id-data u dwar is-snin ta' stima ta' wara;

(b) id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 4, 6 u 7 għandhom jibdew iseħħu fl-ewwel ta' Jannar, 1981, dwar is-sena ta' stima li tibda f'dik id-data u dwar is-snin ta' stima ta' wara;

(ċ) id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att barra minn dawk imsemmija fil-paragrafi l-oħra ta' dan is-subartikolu għandhom jibdew iseħħu minnufih.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali minflok it-tifsira ta' "korp ta' nies" għandha tidħol din li ġejja:

" "korp ta' nies" tfisser kull korp magħqud, magħduda kumpanija, u kull għaqda, soċjetà jew assoċjazzjoni oħra ta' nies, sew jekk korporata jew mhux korporata u sew jekk għandha personalità ġuridika jew le;".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

3. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali minnufih wara l-kliem "fuq xi raġuni li huwa jidhirlu biżżejjed." għandhom jidħlu l-kliem "Kull eżenzjoni bħal dik tista' ssir suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet jew għall-ħlas ta' dik ir-rata jew ta' dawk ir-rati oħra ta' taxxa,

sew jekk ikollhom x'jaqsmu ma' *income* sew jekk le, jew kemm għal dawk il-kondizzjonijiet kif ukoll għall-ħlas, kif il-Ministru jidhirlu xieraq.".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

4. Minflok is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Meta xi vettura li għaliha japplika dan is-subartikolu tkun akkwistata b'kost ta' iżjed minn £3000 fl-ewwel jew wara l-ewwel ta' Jannar, 1980, u l-imsemmija vettura tkun użata u mpjegata fil-produzzjoni ta' l-*income*, kull *allowance* dovuta jew ħlas li jkun sar dwar il-vettura skond id-disposizzjonijiet ta' —

(i) il-paragrafi (ġ) u (k) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu; u ta'

(ii) l-artikolu 10B ta' dan l-Att, għandhom jinħadmu daqslikieku l-kost ta' l-akkwist kien £3000.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

5. Minflok l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Disposizzjonijiet speċjali dwar ċertu *income*.

12. Meta xi persuna li tkun taħdem f'xi sengħa jew negozju tikseb qliegħ jew profitti għal kollox jew f'parti min-negozju ta' sigurtà allura, safejn dan ikun dwar il-qliegħ jew profitti miksuba minn dik il-persuna min-negozju ta' sigurtà, l-*income* totali ta' dik il-persuna għandu jiġi aċċertat kif ġej:

(a) fil-każ ta' persuna li tkun tagħmel negozju ġenerali ta' sigurtà (minbarra persuna li tmexxi negozju ta' sigurtà fuq il-ħajja) l-*income* totali għandu jiġi aċċertat billi jittieħdu s-somom kollha riċevuti minn dik il-persuna bħala *premiums*, imgħaxijiet, qliegħ, profitti jew *income* ieħor, u billi tiżdied magħhom riżerva għal riskji mhux magħluqin bil-persentaġġ adottat minn dik il-persuna b'relazzjoni għall-operazzjonijiet tagħha bħala ntier għal dawk ir-riskji fil-bidu tas-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima u mit-total ta' dawn jitnaqqas it-total ta' dawn li ġejjin:

(i) kull *premiums* mogħtija lura lill-assigurat u *premiums* imħallsa fuq riassigurazzjoni;

(ii) riżerva ikkalkulata kif intqal hawn fuq għal riskji mhux magħluqin fis-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima;

(iii) *claims* attwali mħallsa jew li jkollhom jitħallsu (barra minn kull ammont li jittieħed lura jew li jista' jittieħed lura dwar dawk il-*claims* taħt riassigurazzjoni), u

(iv) l-ispejjeż li jkunu saru għal kollox u esklużivament fil-produzzjoni tas-somom riċevuti kif intqal qabel;

(b) fil-każ ta' persuna li tagħmel negozju ta' sigurtà fuq il-ħajja, jew esklużiv
ta' assigurazzjoni ġenerali, l-*income* totali li jinkiseb minnegozju ta' assigurazzjoni ġenerali għandu jiġi aċċertat kif provdut fil-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu u l-*income* totali miksub min-negozju ta' sigurtà fuq il-ħajja għandu jkun l-*income* ġej mill-impieg ta' flus dwar dak innegozju wara li minnu jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tmexxija inklużi l-kummissjonijiet li jkunu tħallsu dwaru;

Iżda f'kull wieħed mill-każijiet, meta l-persuna ma tkunx residenti fil-Gżira u l-qliegħ jew il-profitti jinqalgħu parti f'Malta u parti barra minn Malta, l-*income* totali li fuqu għandha titħallas it-taxxa jkun il-proporzjoni ta' l-income totali maħdum kif intqal qabel li jkun daqs il-proporzjon li l-*premiums* riċevuti f'Malta kellhom mal-*premiums* totali riċevuti minn dik il-persuna f'Malta u band'oħra:

Iżda wkoll sabiex jiġu aċċertati kif intqal qabel il-qliegħ jew il-profitti ta' xi persuna min-negozju ta' assigurazzjoni d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (ħ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att m'għandhomx ikollhom effett dwar telf li jinġieb 'il quddiem fejn dan ikun iġġarrab matul is-sena li taħbat qabel is-sena ta' stima 1979 u snin ta' stima ta' qabel.".

Emenda ta' l-artikolu 14A ta' l-Att prinċipali.

6. L-artikolu 14A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso għas-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kliem " 'il fuq minn tliet mija u tmenin lira" għandhom jidħlu l-kliem " 'il fuq minn erba' mitt lira"; u

(b) fis-sub-paragrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tiegħu minflok il-kliem " 'l fuq minn tliet mija u tmenin lira" għandhom jidħlu l-kliem " 'il fuq minn erba' mitt lira".

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu —

(i) minflok il-kliem "tnaqqis ta' tmien mija u sebgħin lira" fil-paragrafu (a) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "tnaqqis ta' disa' mija u għoxrin lira";

(ii) minflok il-paragrafu (iv) tal-proviso għall-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(iv) fejn, meta jiġi applikat dan il-paragrafu, żewġ individwi jew iktar ikunu intitolati għal tnaqqis dwar l-istess tifel jew tifla, it-tnaqqis għandu jitqassam bi proporzjon bejn l-individwi skond l-ammont jew valur tal-kontribuzzjonijiet tagħhom rispettivi għall-manteniment tat-tifel jew tifla;", u

(iii) minflok il-paragrafu (d) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Sigurtà fuq il-Ħajja, Sigurtà Nazzjonali, u fondi oħra.

(d) (i) huwa jagħmel sigurtà (inkluża sigurtà kontra l-mewt b'disgrazzja) fuq ħajtu jew fuq il-ħajja ta' martu għand xi kumpannija ta' sigurtà, jew

(ii) huwa jew martu jew it-tnejn jagħmlu kontribuzzjonijiet annwali għal pensjoni, tifdil, soċjetà jew fond ta' previdenza jew soċjetà jew fond ieħor li jkunu approvati mill-Kummissarju fuq il-kondizzjonijiet li jkunu prekritti,

ikun jista' jsir tnaqqis li jkun daqs l-inqas wieħed mit-tliet ammonti li ġejjin —

(a) l-ammont annwali tal-*premium* imħallas għal dik is-sigurtà u l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet kif imsemmi hawn qabel;

(b) parti waħda minn sitta ta' l-*income* totali ta' dak l-individwu;

(ċ) mitejn lira:

Iżda meta l-kontribuzzjonijiet annwali li jkunu saru kif imsemmi hawn qabel jinkludu kontribuzzjonijiet magħmula minn dak l-individwu jew minn martu, jew mit-tnejn, skond l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, it-tnaqqis li jkun jista' jsir taħt dan il-paragrafu ma għandu f'ebda każ ikun inqas mill-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet magħmula taħt l-imsemmi Att.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu —

(i) minflok il-kliem "tnaqqis ta' ħames mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "tnaqqis ta' ħames mija u ħamsa u tletin lira", u

(ii) minflok il-kliem "li ma tkunx iżjed minn tliet mija u sebgħin lira" fil-proviso li hemm għalih għandhom jidħlu l-kliem "li ma tkunx iżjed minn tliet mija u ħamsa u tmenin lira";

(ċ) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "tliet mija u tmenin lira" għandhom jidħlu l-kliem "erba' mitt lira"; u

(d) fis-subartikolu (8) tiegħu minflok il-kliem "tliet mitt lira" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "ħames mitt lira".

Emenda ta' l-artikolu 44A ta' l-Att prinċipali.

8. Minnufih wara s-subartikolu (7) ta' l-artikolu 44A ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Meta jingħataw servizzi f'Malta għal xi persuna residenti f'Malta minn individwu li ma jkollux min iħaddmu f'Malta d-dispozizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal dik il-persuna residenti bl-istess mod, daqslikieku kienet il-persuna li tħaddem lill-imsemmi individwu.".

Emenda ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.

9. L-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Tnaqqis ta' taxxa li jsir taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jitpatta għall-finijiet ta' ġbir mat-taxxa tal-persuna li tirċievi l-*income* għas-sena ta' stima li tiġi wara dik li matulha jkun sar it-tnaqqis, jew ma' dik ta' xi sena ta' stima oħra kif jagħżel il-Kummissarju u kull taxxa li ma tistax titpatta kif intqal qabel għandha tiġi mħallsa lura skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 67 ta' dan l-Att:

Iżda dan is-subartikolu ma japplikax meta xi taxxa mnaqqsa kif intqal qabel ma tkunx ġiet mibgħuta lill-Kummissarju u l-Kummissarju jkun sodisfatt li dak in-nuqqas li tintbagħat kien minħabba xi ħtija jew konnivenza tal-persuna li tirċievi l-*income*.";

(b) minnufih wara l-paragrafu (f) tas-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ġ) minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, l-avviż mill-Kummissarju msemmi fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, li juri l-ammont li għandu jitħallas taħt dan l-artikolu, jikkostitwixxi talba privileġġata fuq l-assi ta' min iħaddem ta' grad minnufih wara l-paga ta' mpjegati u talbiet tad-Direttur tas-Servizzi Soċjali għal ammonti li jkollhom jitħallsu bħala kontribuzzjoni taħt l-artikolu 54 ta' l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, u għandha titħallas wara dawk il-pagi u talbiet iżda bi preferenza għall-pretensjonijiet l-oħra kollha sew privileġġati sew ipotekarji;".

Emenda ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali.

10. Minflok is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(7) Il-Bord ikollu s-setgħa li jsejjaħ kull persuna sabiex tixhed jew iġġib kotba jew dokumenti oħra quddiemu u ċ-*Chairman* tal-Bord jew il-membru li jagħmilha ta' *Chairman* f'laqgħa tal-Bord, ikollu s-setgħa li jamministra l-ġurament lil kull persuna li tidher quddiem il-Bord:

Iżda —

(i) l-iskrivan, l-aġent, l-impjegat jew persuna oħra mpjegata f'kariga konfidenzjali fl-affarijiet ta' l-appellant u l-ġenituri, żewġ jew mart jew ulied dak l-appellant m'għandhomx jissejħu biex jixhdu jew biex jiġu eżaminati ħlief fuq it-talba ta' l-appellant;

(ii) kull persuna, barra mill-Kummissarju, li jkollha jew li kellha xi dmir uffiċjali, jew li tkun jew kienet taħdem, fl-amministrazzjoni ta' dan l-Att, m'għandhiex tissejjaħ biex tixhed jew biex tiġi eżaminata dwar xi ħaġa uffiċjali li jkollha x'taqsam mal-likwidazzjoni li tkun qed tiġi appellata ħlief fuq it-talba tal-Kummissarju.".

Emenda ta' l-artikolu 63 ta' l-Att prinċipali.

11. L-artikolu 63 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat biż-żieda taż-żewġ subartikoli ġodda li ġejjin minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu:

"(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzioni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa ta' xi titolu eżekuttiv imsemmi fl-artikolu 60A ta' dan l-Att u għall-ħlas tad-dħul mill-bejgħ bl-irkant tal-proprjetà maqbuda; u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf milli titħallas xi somma depożitata fil-Qorti wara li jkun sar xi mandat hekk kif intqal qabel.

(4) Id-disposizzjoni tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma tkunx ta' preġudizzju għall-ammont ta' taxxa li tiġi stabbilita bħala finali skond id-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali.

12. Minflok l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ġbir tat-taxxa wara deċiżjoni ta' oġġezzjoni jew appell.

64. Meta l-ħlas tat-taxxa jkun ġie miżmum skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 61 ta' dan l-Att sa ma joħroġ irriżultat ta' avviż ta' oġġezzjoni jew ta' appell, it-taxxa li tkun għadha ma tħallsitx skond il-likwidazzjoni stabbilita fuq dik l-oġġezzjoni jew dak l-appell, skond il-każ, għandha titħallas sa dak iż-żmien li jispiċċa fl-aħħar jum tax-xahar kalendarju li jaħbat minnufih wara dak li matulu jkun ġie notifikat l-avviż tat-taxxa li jkollha titħallas, u jekk dik it-taxxa ma tit-

ħallasx sa dak iż-żmien, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan.".

Emenda ta' l-artikolu 68Ċ ta' l-Att prinċipali.

13. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 68Ċ ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "l-ogħla parti ta' l-*income* tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "l-ogħla parti ta' l-*income* totali tagħha"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "parti ogħla ta' l-*income* tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "parti ogħla ta' l-*income* totali tagħha".

Emenda ta' l-artikolu 70 ta' l-Att prinċipali.

14. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 70 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "l-ogħla parti ta' l-*income* taxxabbli" għandhom jidħlu l-kliem "l-ogħla parti ta' l-*income* totali".

Żieda ta' artikolu ġdid 71 ma' l-Att prinċipali.

15. Minnufih wara l-artikolu 70 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Kif jinħadem ċertu tnaqqis mit-taxxa.

71. Meta minħabba l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 25, 68Ċ u 70 ta' dan l-Att parti mill-*income* suġġett għat-taxxa għandha titqies li tkun l-aħħar parti ta' l-*income* totali u l-*income* totali dwar xi sena ta' stima jkun jinkludi iktar minn parti waħda li għandha hekk titqies, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 68Ċ għandu jkollhom preċedenza fuq id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 u d-disposizzjonijiet ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ artikoli għandu jkollhom preċedenza fuq dawk ta' l-artikolu 70, skond il-każ.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 78 ta' l-Att prinċipali.

16. Minflok l-artikolu 78 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-kawża ssir bis-sensja tal-Kummissarju.

78. Ebda kawża dwar reat taħt dan l-Att ma tista' tibda ħlief fuq it-talba jew bis-sensja tal-Kummissarju.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 416 tas-16 ta' Lulju, 1980.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati